MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Numru. 219/2001

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)
vs
Francis Galea

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputata fuq imsemmija Francis Galea, bint Gaetano u Josephine nee' Zammit, imwielda fl-1 ta' Frar, 1978, u detentrici tal-karta tal-idenita numru 101278M, li permezz taghhom hija gie akkuzat talli fis-26 ta' Mejju 2000 u fid-dati precidenti, fis-Siggiewi u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda; kkommettiet serq ta' deheb u oggetti ohra li jiswew aktar minn LM500 izda anqas rninn LM1000, ghad-detriment ta' Emanuel, Antonia u Darren Fenech, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u biHok.

Dan bi ksur ta' l-artikli 261, 267, 268 u 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi, iffalsifikat cedula jew dokument iehor, illi rneta jigi prezentat wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jigbor dipozitu jew rahan rninn bank jew stabbiliment iehor pubbliku. U dan bi ksur ta l-artiklu 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skitttura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. Dan bi ksur ta' l-artiklu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi xjentement ghamlet uzu mill-att, kitba jew skrittura falza. Dan bi ksur ta' l-artiklu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli ipproprijat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat. Dan bi ksur ta' l-artiklu 293 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' aktar minn LM500 bi hsara ta haddiehor.  U dan bi ksur ta l-artiklu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet Malta.

U aktar talli b’qerq fethet xi oggett postali li kellu jigi íkkunsinnat, jew b’qerq ghamlet xi att li bih il-kunsinna xierqa ta’ oggett postati tkun impeduta jew imtawla, jew ghamlet uzu minn xi taghrif miksub minn oggett postali hekk miftuh. Dan bi ksur ta’ l-artiklu 51 tal-Kap 254 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputata fuq imsemmija twiegeb illi ma kellhiex oggezzjoni illi l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti.

Rat il-provi kollha li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment.

Semghet lill-imputata debitament assistita volontarjament tirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dana waqt is-seduta tat-3 ta’ Ottubru, 2002.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputata fuq imsemmija ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha l-Qorti qed issib lill-istess imputata hatja ta’ dawn l-imputazzjonijiet kollha u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261(c), 261(d), 261(e), 267, 268, 269, 279, 280, 281, 167, 183, 184, 293, 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 51 tal-Kap. 254 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikoli 17 u 21 tal-Kap. 9.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputata fuq imsemmija ghandha fedina penali netta, il-fatt illi irregistrat ammissjoni, kif ukoll il-fatt illi obbligat ruhha fis-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2002 illi tirrestitwixxi l-oggetti u l-flejjes kollha dovuti minnha skond kif hemm imnizzel fl-imputazzjoni. Ghaldaqstant il-Qorti jidhrilha illi piena karcerarja ma tkunx idoneja ghall-akkadut u tara wkoll illi dan huwa l-kaz fejn ghandu jigi applikat l-Artikolu 21 tal-Kap. 9. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 filwaqt li tikkundanna lill-imputata fuq imsemmija, misjuba hatja kif diga intqal, ghal sentejn prigunerija,

tordna li din il-prigunerija ma tigix fis-sehh jekk fi zmien erba' snin mil-lum l-imputata ma tikkommettix reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghha skond l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 H tal-Kap. 9 u tordna lill-hatja sabiex fi zmien sitt xhur mil-lum tirritorna lil Daren Fenech is-somma ta' erba' mija u erbghin lira (LM440), lil Emanuel Fenech is-somma ta' mija u disa' u tletin lira (LM139) u tirritorna lil Antonia Fenech is-somma ta' tlett mitt lira (LM300).

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bir-responsabbilta taghha skond il-Ligi jekk hija tonqos illi tottempera ruhha ma dan l-ordni tal-Qorti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------